

**Dispożittiv**

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Il-konvenut huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu stess u dawk sostnuti mir-rikorrenti.

(<sup>1</sup>) ĠU C 71, 08.03.2014.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġeneral tal-20 ta' Ġunju 2014 – Wilders vs Il-Parlament u Il-Kunsill  
(Kawża T-410/14 R)**

[“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Parlament Ewropew — Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali — Inkompattibbiltà tal-kwalità ta' Membru tal-Parlament Ewropew ma' dik ta' Membru ta' Parlament nazzjonali (projbizzjoni tal-mandat dopju) — Talba għal miżuri provviżorji — Ksur tar-rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà manifesta tar-rikors prinċipali — Inammissibbiltà”]

(2014/C 315/107)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Partijiet**

Rikorrent: Geert Wilders (rappreżentanti: G. Knoops u C. Hamburger, avukati)

Konvenuti: Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Suġġett**

Talba għal miżuri provviżorji intiża, essenzjalment, sabiex tippermetti lir-rikorrent jieħu l-ġurament bħala Membru tal-Parlament Ewropew, filwaqt li jibqa' jeżerċita l-mandat tiegħu bħala Membru tal-Parlament Olandiż.

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Ġunju 2014 – Établissement Amra vs UASI**

**(KJ KANGOO JUMPS XR)**

**(Kawża T-390/14)**

(2014/C 315/108)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Établissement Amra (Vaduz, Liechtenstein) (rappreżentant: S. Rizzo, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla kompletament id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-10 ta' Marzu 2014 fil-Każ R 1511/2013-2;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.